*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Staccata Srl (Como, l-Italja)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tas-26 ta’ Novembru 2012 (Każ R 62/2012-5) fuq il-bażi li l-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 ġie sodisfatt;

— tordna lill-UASI u lil STACCATA S.r.l. ibatu l-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tinkludi disinn ta’ ġwienaħ estiżi bl-element verbali “QUARTODIMIGLIO” għal prodotti fil-klassijiet 9, 14, 16, 18 u 25 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 260 597

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* Trade marks figurattivi li jinkludu disinn ta’ ġwienaħ estiżi u wħud minnhom l-element verbali “LONGINES” — Reġistrazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 225 714, Reġistrazzjonijiet Internazzjonali Nru 401 319, Nru 529 334, Nru 610 902 u Nru 298 063 għal prodotti fil-klassijiet 9 u 14

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fil-31 ta’ Jannar 2013 — Laboratoires Polive vs UASI — Arbora & Ausonia (DODIE)**

**(Kawża T-77/13)**

(2013/C 108/78)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Laboratoires Polive (Levallois Perret, Franza) (rappreżentant: A. Sion, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell:* Arbora & Ausonia, SL (Barcelona, Spanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata mogħtija mit-Tieni Bord tal-Appell li annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni,

— tiċħad l-oppożizzjoni fl-intier tagħha, u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali “DODIE”, għal prodotti fil-klassijiet 3, 5 u 10 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5 665 104

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* trade marks Komunitarji u trade marks nazzjonali figurattivi u trade marks verbali li jinkludu l-element verbali “DODIS”, “DODIES” jew “DODOT” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 5, 10, 12, 16, 18, 20, 21, 24, 25, 28, 35, u 44

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda fl-intier tagħha

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell parzjalment milqugħ u d-deċiżjoni kkontestata annullata fir-rigward ta’ ċerti prodotti fil-klassijiet 3, 5 u 10

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fis-7 ta’ Frar 2013 — Red Bull vs UASI — Sun Mark (BULLDOG)**

**(Kawża T-78/13)**

(2013/C 108/79)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Red Bull GmbH (Fuschl am See, l-Awstrija) (rappreżentant: A. Renck u I. Fowler, avukati)